

31990R1012

L 105/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

25.4.1990

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1012/90
ta' l-20 ta' April 1990
li tikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana, kif l-aħħar emendata bir-Regolament Nru 323/90 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi sabiex tkun assigurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa neċessarju illi jkunu adottati miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ipprova regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha jew in parti bbażata fuqha u li żżid xi sudiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hi mwaqqfa b'dispożizzjonijiet tal-Komunità speċifiċi, bil-ħsieb għall-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu man-negozju ta' oġġetti

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandha tkun ikklassifikata skond il-kodiċi CN xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ipprovduti fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri li huma ipprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati fi ħdan in-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi CN indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 1990.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 36, tat-8.2.1990, p. 7.

L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni tal-kodiċi CN	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Ħwejjeġ ħief, mingħajr komma u minsuġa (100 % tal-qoton) maħsuba sabiex ikopru l-parti ta' fuq tal-ġisem li tasal sa aktar 'l isfel mill-qadd, ta' disinn <i>fancy</i> u ffabbrikati minn drapp ta' kulur wieħed. Hi għandha għonq tond mingħajr ftuħ u but minn barra fil-livell tas-sider (Ara r-ritratt Nru 408) (*)	6206 30 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bit-testi tal-kodiċi CN 6206 u 6206 30 00. Ara wkoll in-Nota Spjegattiva għall-kodiċi CN 6206 li tikkonċerna l-blużi, qomos u qomos-blużi.
2. Ħwejjeġ ħfief, b'komma qasira ħafna u minsuġa (100 % tal-qoton) maħsuba sabiex ikopru l-parti ta' fuq tal-ġisem li tasal sa aktar 'l isfel mill-qadd, ta' disinn <i>fancy</i> u ffabbrikati minn drapp ta' kulur wieħed. Hi għandha għonq tond bi ftuħ parzjali fuq l-ispalla x-xellugija li tingħalaq permezz ta' qafla b'buttuna (Ara r-ritratt Nru 409) (*)	6206 30 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bit-testi tal-kodiċi CN 6206 and 6206 30 00. Ara wkoll in-Nota Spjegattiva għall-kodiċi CN 6206 li tikkonċerna l-blużi, qomos u qomos-blużi.
3. Ħwejjeġ ħfief, b'komma qasira ħafna u minsuġa (100 % tal-qoton) maħsuba sabiex ikopru l-parti ta' fuq tal-ġisem li tasal sa aktar 'l isfel mill-qadd, ta' disinn <i>fancy</i> u ffabbrikati minn drapp ta' kulur wieħed hi għandha għonq tond mingħajr ftuħ u serje ta' piegi dekorattivi magħmula billi jinħietu fuq quddiem (Ara r-ritratt Nru 435) (*)	6206 30 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bit-testi tal-kodiċi CN 6206 u 6206 30 00. Ara wkoll in-Nota Spjegattiva għall-kodiċi CN 6206 li tikkonċerna l-blużi, qomos u qomos-blużi.
4. Ħwejjeġ ħfief, mingħajr komma u minsuġa (100 % ta' fibri artifiċjali) maħsuba sabiex ikopru l-parti ta' fuq tal-ġisem li tasal sa aktar 'l isfel mill-qadd, ta' disinn <i>fancy</i> u maħdum minn drapp b'motivi stampati ta' kuluri differenti. Hi għandha għonq tond mingħajr ftuħ (Ara r-ritratt Nru 433) (*)	6206 40 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bit-testi tal-kodiċi CN 6206 u 6206 40 00. Ara wkoll in-Nota Spjegattiva għall-kodiċi CN 6206 li tikkonċerna l-blużi, qomos u qomos-blużi.
5. Ħwejjeġ ħfief, mingħajr komma u minsuġa (100 % ta' fibri artifiċjali) maħsuba sabiex ikopru l-parti ta' fuq tal-ġisem li tasal sa aktar 'l isfel mill-qadd, ta' disinn <i>fancy</i> u ffabbrikati minn drapp b'motivi stampati ta' kulur wieħed. Hi għandha għonq tond mingħajr ftuħ u għandha żewġ qasmiet fil-bażi (Ara r-ritratt Nru 434) (*)	6206 40 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bit-testi tal-kodiċi CN 6206 u 6206 40 00. Ara wkoll in-Nota Spjegattiva għall-kodiċi CN 6206 li tikkonċerna l-blużi, qomos u qomos-blużi.

(*) Ir-ritratti huma purament ta' natura illustrattiva.



